**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U TMENMIN (84)**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 31 ta' Lulju 2018 fis-7.10 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo<br>Bagħat sms li kien se jiġi tard u l-laqgħa laħqet spiċċat | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**
**Il-laqgħa bdiet mingħajr is-Sur Rudolph Grima.**

**84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

84.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Qari tal-ittri ta' apoloġija

**84.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 83**

Il-minuti tas-seduta numru 83 ġew meħuda bħala moqrija u kienu approvati unanimament mingħajr ebda' emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Doris Coleiro.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 83

**84.03 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu' u l-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.**

Il-minuti tas-seduta numri 45 u 46 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu' kif ukoll il-minuti tas-seduta numri 43, 44, 45 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr l-ebda' emenda u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Doris Coleiro.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitati Amministrattivi tal-Virtu u tal-Baħrija.

**84.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

84.04.01 Peress li issa l-Kunsill Lokali tar-Rabat ilu mingħajr il-kuntratt tat-tindif tat-toroq rurali għal diversi xhur, is-Sindku ippropona li jkunu mnaddfa Triq l-Imtaħleb, Triq il-Bahrija, Triq Fomm ir-Rih., Triq tar-Ruwb u Triq Landrijiet. Il-proposta għaddiet skont *Purchase/Works Order* numru 1 *item* 18. Sadanittant il-kuntratt il-ġdid hu mistenni li jibda' jopera hekk kif il-board tal-offerti jara l-klarifiċi li kien hemm bżonn, u jiskadu l-10 jiem fejn ikun jidħol appell.

Qtugħ ta' ħaxix f'toroq fil-kampanja – xogħol ta' emerġenza

Is-Sindku semma' l-bżonn urġenti ta' tindif bil-gaffa u xogħol manwali bl-użu ta' *scammel* fiz-zona tad-Dwerja u Miġna Ferħa. Dwar dan kien hemm qbil minn kulħadd.

Tindif urġenti ta' l-inħawi ta' Miġna Ferħa u d-Dwejra

**84.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

84.05.01 Dwar id-dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq is-Sindku ippropona illi għandna nitolbu stima lill-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u San Pawl, lill-Każin ta' l-Isle Adam (San Ġużepp), il-Kunvent ta' Santu Wistin kif ukoll lill-kuntrattur li fi żmien qasir kien laqa' t-talba tal-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jintramaw it-toroq b'emerġenza s-sena l-oħra. Il-KLR se jżid ukoll Triq Santa Rita u fuq is-Saqqajja – stima li m'għandiex taqbeż l-€2,000.

Dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq

84.05.02 Kien hemm klarifika dwar il-marki tat-traffiku li saru fi Pjazza Patri Martin, il-Baħrija. Dawn saru skont l-approvazzjoni ta' *Transport Malta* tal-2016 fejn kienu approvati parkeġġi anke quddiem il-ħwienet tal-ikel.

Markii tat-traffiku Pjazza Patri Martin, il-Baħrija

84.05.03 Kien hemm osservanza minn Nazju Cassar dwar l-ispiża tal-ħasil tal-Pjazza tal-Parroċċa kif ukoll tas-Saqqajja. Hu qal illi fil-passat is-Sur Charlie Gauci kien jieħu €120 biss biex jaħsel is-Saqqajja mingħajr *power washer* u l-kimika. Għaldaqstant kien deċiż illi nibdew inġibu stimi minn għandu fil-futur.

Ħasil tal-Pjazza tal-Parroċċa u s-Saqqajja.

**84.06 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Kienet approvata b'mod unanimu l-iskeda tal-pagamenti numru 282 kif ukoll l-iskeda tal-*Works/Purchase Order* Numru 1, għajr *items* 4, 5, 11 u 12, wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Andrew Mallia.

Skeda tal-pagamenti u Skeda tal-*Works/Purchase Orders*

**84.07 Proposta ta' sleeping policeman f'Raba' Nemel**

Charles Azzopardi ippropona u Doris Coleiro issekondat u kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat japplika għal żewġ *sleeping policemen* f'Raba' Nemel fejn seħħ inċident u ttajret persuna.

Proposta ta' sleeping policemen f'Raba' Nemel

**84.08 Tweġiba tal-*Management Letter 2017***

Is-Sindku ippropona u Peter Paul Azzopardi issekonda u kien hemm qbil unanimu li tintbgħat ir-risposta li kienu pproponew l-*Accountant* Paul Bugeja u s-Segretarju Eżekuttiv li serviet matul l-2017.

Tweġiba għall-Management Letter 2017

**84.09 Għażla tal-offerta pubblika RLC/T/0169/18 Upgrading (including resurfacing) of farm access roads in Rabat Malta, under Measure 4.3 of the European Agricultural Fund for Rural Development dt 13.7.18**

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tas-Sindku, issekondata mill-kunsillier Peter Paul Azzopardi, l-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0169/18 tingħata lill-*Dimbros Ltd*, minkejja li din ma kienetx l-irħas offerta, għax din laħqet il-kriterji kolha mitluba, u l-kuntrattur ikkonferma li jwettaq ix-xogħol fi tmien ġimgħat.

Offerta għall-Upgrading (including resurfacing) of farm access roads

**84.10 L-Għażla tal-offerta pubblika RLC/T/0167/18 għall-Kollezzjoni ta' Skart Goff mil-lokalita' tar-Rabat b'mod ambjentali dt 13.7.18**

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tas-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro, l-Kunsill unanimament qabel li l-offerta RLC/T/0167/18 tingħata lil Melchior Dimech għaliex din kienet l-irħas offerta, u laħqet il-kriterji kollha mitluba.

Offerta għall-kollezzjoni ta' skart goff

**84.11 Biex jinħatar il-Bord tal-Għażla tal-Offerta Pubblika taż-Żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi fil-Baħrija, bl-użu ta' servizzi u prodotti li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent.**

Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 3/2017 – Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (*Procurement*) mill-Kunsilli Lokali, is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta *Maintenance and upkeep of public convenience at Baħrija, using environmentally friendly products and services (RLC/T/172/18)* ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta – Latrina tal-Baħrija

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sur Kenneth Brincat
Evalwatur *PO/ES (Accountant* kwalifikat*)* – Is-Sur Paul Bugeja
Evalwatur *PO/ES (*Kwalifikat fi professjoni legali*)* – Dr. Mark Fenech Vella
Evalwatur *PO/ES (*Persuna teknika fis-suġġett*)* – Is-Sur Chris Falzon
Segretarju *PO/ESR* - Is-Sur Anthony Bonello

Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**84.12 Sistema ġdida b'arbli ġodda tad-dawl fil-Pjazza tal-Knisja**

Kien konfermat illi l-proġett tal-Pjazza tal-Parroċċa għadda żmien minn fuqu biżżejjed biex inkunu nistgħu nibdlu is-sistema tad-dwal peress li kien proġett tal-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku ippropona u Peter Paul Azzopardi ssekonda u kien hemm qbil unanimu illi jsiru mill-ġdid dawn il-lanterni li huma difettużi permezz tal-offerta pubblika li ħareġ ir-Reġjun Tramuntana. Se nindagaw jekk hux possibbli li jsiru b'sistema solari.

Sistema ta' dwal fil-Pjazza tal-Parroċċa minħabba li dawn mhux qed jaħdmu.

**84.13 Ħruġ ta' offerta pubblika RLC/T/0143/14 – Collection of Mixed Household Waste**

Il-KLR se jkun ipprovdut bl-abbozz tad-dokument tal-offerta minkejja li l-kuntratt kurrenti għad fadallu biex jagħlaq, iżda li jrid ikun ippublikat ukoll fil-*European Journal.*
Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti il-kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda, u kien hemm qbil unanimu.

Ħruġ ta' offerta publbika għal Ġbir tal-Iskart bieb bieb

**84.14 Ħruġ ta' offerta pubblika RLC/T/0152/15 – Provision of Professional Services of an Architect to Council and Contract Manager**

Il-KLR se jkun ipprovdut bl-abbozz tad-dokument tal-offerta minkejja li l-kuntratt kurrenti għad fadallu biex jagħlaq.
Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti u l-Viċi Sindku issekondat u kien hemm qbil unanimu.

Ħruġ ta' offerta publbika għal Contract Manager/Perit

**84.15 Disposal ta' kompjuter (biex jinqata' mir-Reġistru tal-Assi tal-Kunsill**

Kien provdut ritratt ta' *computer* li kien jintuża minn impjegata tal-Kunsill u li issa m'għadux jiffunzjona. Dan kien deċiż li jinqata minn fuq il-ktieb tal-Assi tal-Kunsill minħabba ż-żmien li għandu.

Disposal ta' Kompjuter – imneħħi minn fuq il-Fixed Asset Register

**84.16 Rapport tal-intervisti Skirivan/a Skala 15**

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tas-*Selection Board* kompost ad hoc. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u se jsir test fuq il-computer liż-żewġ kandidati li kienu *short listed* wara li kienu attendew għall-intervista.

Rapport tal-Intervisti Skrivan/a Skala 15

**84.17 Skema Finanzjarja Lokali – Libreriji Lokali**

Kien deċiż li napplikaw għal skema lokali biex ninvestu €600 mill-fondi tal-Kunsill u ningħataw €600 mil-Gvern Ċentrali ħalli ninvestu f'żewġ *air conditioners* fil-librerija l-ġdida. Minn spezzjoni li saret dan l-aħħar jirriżulta illi l-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada għamlet stima ta' rampa t'aċċess ta' €25,000 biex tinżel għal din il-librerija sotterran.

Skema tal-Libreriji Pubbliċi

**** Rudolph Grima daħal f'dan il-waqt it-7.50pm**

**84.18 Tmiem tal-laqħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-4 ta' Settembru 2018, fis-7.00pm u din is-seduta ntemmet fit-7.55pm.

Tmiem is-seduta u l-appuntament li jmiss

| | | | |
|---|---|---|---|
| | **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn | Anthony Bonello<br>Segretarju Eżekuttiv | u approvati llum 4/9/18 minn | Charles Azzopardi<br>Sindku |